Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2025/0804(NLE)

19.6.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-ħatra proposta ta' Stef Blok għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C10-0108/2025 – 2025/0804(NLE))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Tomáš Zdechovský

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS 1: *CURRICULUM VITAE* TA' STEF BLOK 4

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' STEF BLOK GĦALL-KWESTJONARJU 5

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-ħatra proposta ta' Stef Blok għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C10-0108/2025 – 2025/0804(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0108/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0000/2025),

A. billi, bl-ittra tat-2 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta' Stef Blok għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

B. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; billi fil-qafas ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidat *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilu;

C. billi dan il-kumitat imbagħad, fil-15 ta' Lulju 2025, ipproċeda b'seduta ta' smigħ tal-kandidat, li matulha dan għamel stqarrija preliminari, u wara wieġeb għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli/negattiva dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Stef Blok għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.

ANNESS 1: *CURRICULUM VITAE* TA' STEF BLOK

Stef Blok

Imwieled f'OMISSIS, f'OMISSIS

Edukazzjoni:

1983-1988	Studji fin-negozju, Rijksuniversiteit Groningen (Università ta' Groningen)
1977-1983	Stedelijk Gymnasium Leiden (Liċeo ta' Leiden)

Esperjenza professjonali:

Settembru 2022	Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri
April 2022 - Mejju 2022	Koordinatur Nazzjonali għall-Konformità mas-Sanzjonijiet u
Mejju 2021 - Jannar 2022	għall-Infurzar tagħhom
2018-2021	Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika dwar il-Klima
Jannar 2017 - Ottubru 2017	Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej
2012-2017	Ministru għall-Ġustizzja u s-Sigurtà
2010-2012	Ministru għad-Djar u s-Settur tal-Gvern Ċentrali
1998-2012	Mexxej tal-grupp VVD (partit liberali), Kamra tar-Rappreżentanti Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-VVD (Portafoll tal-Finanzi, tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali) Kosponser ta' żewġ abbozzi ta' liġijiet ta' membri privati dwar il-pensjonijiet u l-assigurazzjoni fuq il-ħajja; President tal-inkjesta parlamentari dwar il-politika ta' integrazzjoni.
1988-1998	ABN AMRO Bank N.V.: suċċessivament apprendist fil-ġestjoni, maniġer ta' fergħa, analista tal-kreditu u maniġer superjuri tal-kontijiet (banking korporattiv).
1988	Internship f'Société Générale, Pariġi

Attivitajiet relatati mas-soċjetà ċivili:

2017-2018	President, Bord Eżekuttiv, Kunsill ta' Akkreditazzjoni Netherlandiż
2010-2012	Kunsill ta' Direzzjoni, GGZ Rivierduinen (faċilità għall-kura tas-saħħa mentali)
2009-2012	Membru tal-Bord Superviżorju ta' Scholtens Groep B.V. (kumpanija tal-kostruzzjoni)
2000-2010	Kunsill ta' Direzzjoni, Stedelijk Gymnasium Leiden (Liċeo ta' Leiden)
1994-1997	Kunsill ta' Direzzjoni, Het Zuid-Hollands Landschap (organizzazzjoni għall-konservazzjoni tan-natura) Mexxej tal-grupp VVD, Kunsill Muniċipali ta' Nieauwkoop

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' STEF BLOK GĦALL-KWESTJONARJU

Kwestjonarju għat-tiġdid tal-Membri tal-Qorti tal-Awdituri

Qadi tad-dmirijiet: tagħlimiet meħuda u impenji futuri

1. X'inhuma l-kisbiet ewlenin tiegħek fil-kariga ta' membru tal-QEA? X'kienu l-akbar diffikultajiet?

Introduzzjoni
Billi kont naf li l-ewwel ħatra tiegħi bħala Membru tal-QEA kienet se tkun għal nofs mandat biss, ikkonċentrajt fuq il-kisba ta' esperjenza fil-fond fl-awditjar finanzjarju u fl-awditjar tal-prestazzjoni.

Kisbiet
Bħala l-Membru responsabbli għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-2024 dwar l-infiq tal-UE fl-ambitu tal-"Koeżjoni, reżiljenza u valuri", ħdimt b'mod intensiv mat-tim tagħna tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni fuq l-akbar kategorija tal-infiq tal-UE u normalment l-aktar waħda kkumplikata. Ir-riżultati se jiġu ppubblikati fir-Rapport Annwali 2025 tagħna.

Fir-rigward tal-awditjar tal-prestazzjoni, kont responsabbli għar-rapporti speċjali li ġejjin:

– "Nappoġġaw lill-persuni b'diżabilità" (SR 10/2023);

– "Ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali fl-UE" (SR 10/2024); kif ukoll;

– "Il-politika industrijali tal-UE dwar l-idroġenu rinnovabbli" (SR 11/2024).

Inħoss li l-ewwel pubblikazzjoni ta' rapport speċjali tal-QEA – ir-rapport dwar l-appoġġ għall-persuni b'diżabbiltà – b'verżjoni faċli biex tinqara fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, bħala kisba ewlenija, biex ma nsemmix il-fatt li l-QEA se tkompli ssegwi din l-inizjattiva billi tippubblika aktar verżjonijiet faċli biex jinqraw tar-rapporti tagħha. L-impenn tal-istituzzjonijiet tal-UE li jirrappurtaw dwar il-kisbiet tagħhom rigward l-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà huwa wkoll riżultat dirett tal-ħidma tal-QEA dwar dan is-suġġett.

Nixtieq nindika l-pubblikazzjoni ta' data miftuħa għar-rapport dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fl-UE. Suġġett importanti għalija huwa l-għoti ta' data miftuħa.

Għal dan ir-rapport, organizzajt ukoll laqgħa virtwali, li kienet ta' suċċess u li ġiet apprezzata ħafna, mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet professjonali. Ir-rata għolja ta' parteċipazzjoni (madwar 400 parteċipant) u l-involviment ċar ħeġġew l-implimentazzjoni ta' aktar titjib rakkomandat fir-rapport.

Bħala Membru tal-QEA, inħoss li huwa importanti li nippromwovi l-ħidma, ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tal-istituzzjoni u ninforma liċ-ċittadini tal-UE u lill-istituzzjonijiet tal-UE u dawk nazzjonali dwarhom.

Mill-bidu tal-mandat tiegħi fl-2022, ta' spiss involvejt ruħi maċ-ċittadini tal-UE, maż-żewġt ikmamar tal-Parlament tan-Netherlands, mal-ministri u mas-servizzi ċivili rispettivi tagħhom, u mal-Qorti tal-Awditjar tan-Netherlands. Barra minn hekk, organizzajt konferenzi stampa u tajt intervisti fuq it-televiżjoni, fuq ir-radju u fil-gazzetti, kemm fin-Netherlands kif ukoll f'pajjiżi oħra tal-UE. Dan wassal għal interess akbar fil-ħidma tal-QEA, li rriżulta f'diversi preżentazzjonijiet tar-rapporti tal-QEA lill-kumitati tal-Parlament Netherlandiż.

Minbarra dawn il-preżentazzjonijiet uffiċjali, nippreżenta regolarment il-ħidma tagħna lil gruppi viżitaturi ta' professjonisti u studenti universitarji, u nżur l-iskejjel u l-universitajiet u nattendi l-konferenzi.

Fl-aħħar nett, sirt membru tal-Kumitat tal-Verifika Interna tal-QEA.

Diffikultajiet
Fil-ħidma tiegħi tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, nara li l-ħidma tal-QEA u l-ħidma ta' dawk kollha li jaħdmu bil-fondi tal-UE qed issir aktar diffiċli billi jkollhom japplikaw leġiżlazzjoni u regoli nazzjonali dettaljati ħafna li spiss imorru lil hinn mir-rekwiżiti tal-UE.

Bħala ostakli, nara li fl-awditjar tal-prestazzjoni, spiss ma jkunx hemm biżżejjed informazzjoni u data komparabbli. Dan il-fatt kien partikolarment evidenti matul l-awditu dwar l-appoġġ għall-persuni b'diżabbiltà. Dan jikkomplika l-ħidma tagħna u l-valutazzjoni tagħna tar-riżultati tal-azzjoni tal-UE.

2. X'inhuma t-tagħlimiet ewlenin meħuda fil-qasam ta' kompetenzi tiegħek / ir-riżultati miksuba fid-dmirijiet u l-kompiti tal-awditjar tiegħek?

Tagħlimiet meħuda
Għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, it-tagħlima ewlenija meħuda hija li l-kumplessità twassal għal żbalji u għal piż regolatorju kbir fuq iċ-ċittadini u fuq l-organizzazzjonijiet li jaħdmu bil-fondi tal-UE.

It-tagħlima ewlenija li tgħallimt mill-awditjar tal-prestazzjoni li mexxejt hija li spiss wisq ma jkun hemm l-ebda analiżi tal-impatt, meta tiġi proposta politika tal-UE. Pereżempju, fir-rapport tagħna dwar l-idroġenu rinnovabbli, irrappurtajna li n-nuqqas ta' analiżi tal-impatt wassal għal strateġija u għal iffissar ta' għanijiet mhux realistiċi. Fir-rapport tagħna dwar l-appoġġ għall-persuni b'diżabbiltà, sibna li l-istrateġija tal-UE ma tqisx id-differenzi kbar fl-approċċi nazzjonali. Fir-rapport tagħna dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, sibna li l-informazzjoni disponibbli ma ntużatx minħabba li s-sistema biex taċċessaha ma kinitx faċli għall-utent, minkejja li l-informazzjoni tista' tipprevjeni inċidenti serji.

Effett sekondarju pożittiv li osservajna matul xi awditjar tal-prestazzjoni tagħna huwa li l-attenzjoni ffokata li l-awditu tagħna jeħtieġ mingħand l-entitajiet awditjati tagħna, inkluża l-Kummissjoni, twassal għal azzjonijiet korrettivi mħaffa.

Riżultati ewlenin
Jien partikolarment kburi bit-timijiet tal-awditu li jirnexxilhom jipprovdu riżultati siewja minkejja l-ostakli, bħan-nuqqas ta' data jew regoli kumplessi.

3. X'valur miżjud tista' toffri lill-QEA fit-tieni mandat tiegħek u/jew b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli għalih? Tixtieq tibdel il-qasam ta' responsabbiltà tiegħek? X'jimmotivak?

L-għarfien finanzjarju estensiv li ksibt waqt li kont qed naħdem bħala bankier għal 10 snin tani l-għarfien espert tekniku meħtieġ għall-awditjar finanzjarju. Fir-rwol tiegħi bħala membru parlamentari għal 14-il sena, kont nuża r-rapporti tal-QEA b'entużjażmu, speċjalment bħala president tal-Kumitat għall-Finanzi tal-Parlament Netherlandiż. F'diversi pożizzjonijiet bħala Ministru, inkluż bħala l-Ministru għad-Djar, il-Ministru għall-Ġustizzja u s-Sigurtà, il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, kont responsabbli għan-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif ukoll għal diversi direttivi u regolamenti tal-UE u l-implimentazzjoni tagħhom fin-Netherlands. Fil-QEA, nikkontribwixxi b'taħlita ta' għarfien tekniku u esperjenza maniġerjali.

Wara li qattajt l-ewwel snin tiegħi nikseb esperjenza fil-fond kemm fl-awditjar tal-prestazzjoni kif ukoll f'dak tal-konformità, kapaċi nservi lill-QEA fil-qasam tal-koeżjoni u oqsma oħra.

Impenjajt ruħi li nkompli naħdem fuq id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni 2025 dwar in-nefqa għall-koeżjoni u se nibda awditu tal-prestazzjoni ieħor f'dak il-qasam wara s-sajf. Dan ifisser li, f'dan il-mument, irrid inkompli naħdem fuq il-ħidma tal-awditjar tal-QEA f'dan il-qasam ta' politika.

Fil-fehma tiegħi, jeħtieġ ukoll li l-Membri jkollhom rotazzjoni. Dan se jfisser li, jekk nerġa' ninħatar, inbiddel il-qasam ta' ħidma tiegħi f'xi punt f'dan it-tieni mandat għal kull fejn nista' nservi l-QEA l-aħjar f'dak il-mument.

4. Kif tiżgura li tilħaq l-objettivi tal-awditjar ippjanati f'kompitu tal-awditjar? Ġieli kont fis-sitwazzjoni fejn ma stajtx twettaq il-kompitu tal-awditjar, u għal liema raġunijiet? Kif topera f'tali sitwazzjonijiet kontroversjali?

Niżgura li jintlaħqu l-objettivi tal-awditu ppjanat
Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għandha skeda ta' żmien stretta ħafna u tirrikjedi ħafna impenn mit-timijiet kollha involuti. Għalhekk, iffukajt fuq l-ippjanar.

Inżomm kuntatt regolari mat-tim tal-awditjar (kull ġimgħatejn) biex nibqa' aġġornat dwar il-progress, l-osservazzjonijiet preliminari, u kwalunkwe kwistjoni potenzjali. B'mod ġenerali, il-persunal tal-QEA huwa mgħammar tajjeb biex jindirizza kwistjonijiet li inevitabbilment jinqalgħu matul ix-xogħol tal-awditjar. F'każijiet fejn it-timijiet tal-awditu ltaqgħu ma' ostakli fir-rigward taż-żmien jew tal-kontenut tal-informazzjoni tal-awditjar li kienu jeħtieġu, jiena kkuntattjajt personalment lill-Kummissjoni jew lill-awtoritajiet nazzjonali involuti.

Ma nwettaqx (kompletament) il-kompitu tal-awditjar
Attwalment, jien responsabbli għal kompitu li għaddej bħalissa rigward il-ġestjoni ta' skart muniċipali. Din il-pubblikazzjoni kienet ippjanata għal Lulju iżda ddewmet u issa hija ppjanata għal Ottubru 2025.

Meta d-dewmien sar evidenti, analizzajt il-kawżi u, mat-tim, fittxejt għażliet biex jiġi limitat id-dewmien. Kien hemm problemi bid-disponibbiltà tal-persunal fi żminijiet kritiċi għal dan l-awditu. Għall-mistoqsijiet tal-awditu magħżula, kien meħtieġ perjodu ta' żmien itwal. Iffaċċjajna wkoll differenzi sinifikanti mhux mistennija fl-Istati Membri. Għażilt is-soluzzjoni xierqa biex niżgura rapport ta' kwalità tajba, peress li dan jifforma l-bażi għall-proċeduri tal-ikklerjar u dawk kontradittorji.

5. Jekk tiġi kkonfermat mill-ġdid għat-tieni mandat u ipotetikament, jekk tiġi elett Dekan ta' Awla fil-QEA, kif se tmexxi l-ħidma biex tiddefinixxi l-prijoritajiet tagħha? Tista' tagħtina żewġ jew tliet eżempji ta' oqsma li għandha ssir enfasi fuqhom fil-ġejjieni?

Prijoritajiet għat-tieni mandat
Il-QEA hija korp kollegġjali u l-awli wkoll, fejn il-Membri jaħdmu mill-qrib flimkien mal-persunal.

It-tieni mandat tiegħi jaqa' fil-perjodu meta se jiġi nnegozjat il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u meta se sseħħ il-parti ewlenija tal-infiq għall-programmi attwali tal-2021-2027. Nagħti prijorità biex niżgura li jittieħdu t-tagħlimiet mill-perjodu attwali u niżgura li dawn jinġabru u jitqassmu. Peress li x'aktarx se jkun hemm proposti għal bidliet fir-regolament dwar il-finanzi tal-UE, il-QEA għandha tipprovdi opinjonijiet strutturati tajjeb u speċifiċi.

Biex nidderieġi l-proċess, se nkompli ninvolvi ruħi mal-partijiet ikkonċernati fi ħdan il-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet oħra.

Eżempji
L-ewwel nett, se nkompli niffoka fuq it-trasparenza. In-nefqa pubblika kollha – tal-UE, dik nazzjonali, reġjonali u lokali – trid kemm tinġabar u tintuża b'mod trasparenti u b'sorveljanza demokratika. Kull fejn il-baġits ikunu orjentati lejn il-prestazzjoni, l-iskattaturi tal-pagamenti miftiehma jeħtieġ li jkunu rilevanti, speċifiċi u verifikabbli. Se nkompli nħeġġeġ l-għoti ta' data miftuħa mar-rapporti tal-QEA.

It-tieni, fl-awditjar tal-prestazzjoni tal-QEA, se nipprovdi valutazzjonijiet ċari dwar liema politiki jagħtu riżultati u liema ma jaħdmux jew liema jaħdmu biss parzjalment. Iċ-ċittadini tal-UE u l-Parlament Ewropew jeħtieġu din il-valutazzjoni ċara sabiex itejbu l-politiki u l-allokazzjoni tal-flus pubbliċi.

It-tielet, se nkompli nżid il-koxjenza tas-sejbiet tal-QEA fost il-pubbliku ġenerali, il-partijiet ikkonċernati u l-istampa. Il-kondiviżjoni tas-sejbiet tagħna ma' pubbliku kbir hija parti essenzjali ta' UE li tiffunzjona tajjeb.

6. Kieku kellek tiġġestixxi l-għażla ta' kompiti tal-awditjar fid-dawl tat-tħejjija tal-programm ta' ħidma annwali tal-QEA, fuq liema bażi tagħmel l-għażla tiegħek

minn fost il-lista ta' prijoritajiet riċevuti mill-Parlament u/jew mill-Kumitat CONT?
X'tagħmel jekk prijorità politika ma tikkorrispondix mal-valutazzjoni tar-riskju tal-QEA dwar l-attivitajiet tal-Unjoni?

Lista tal-prijoritajiet
Ix-xewqa ġenerali tiegħi hija li nikkontribwixxi b'mod pożittiv u b'mod attiv EU-għat-teħid ta' deċiżjonijiet u għall-implimentazzjoni tal-politika fl-UE. Hawnhekk, il-kontribut mill-partijiet ikkonċernati huwa essenzjali. Peress li l-Parlament Ewropew jirrappreżenta liċ-ċittadini tal-UE, din il-lista u l-feedback miksuba matul l-interazzjoni frekwenti tagħna mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) u ma' kumitati oħra jipprovdu kontribut rilevanti ħafna għall-proċess finali tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Valutazzjoni tar-riskju u prijoritajiet
Għall-awditi finanzjarji, il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ħidma li huma rappreżentattivi għall-popolazzjoni tal-awditu se jibqgħu dejjem il-prinċipji gwida.

Għall-awditjar tal-prestazzjoni tagħna, huma rilevanti mhux biss ir-riskju iżda wkoll ir-rilevanza għaċ-ċittadini tal-UE u l-isfidi li ġejjin. Għalhekk, il-prijoritajiet parlamentari diġà huma punt sinifikanti li għandu jitqies. Barra minn hekk, kopertura wiesgħa tal-politika tal-UE, żviluppi mistennija (previżjoni) u indikazzjonijiet ta' riskju għal ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll interessi mill-partijiet ikkonċernati, għandhom jiffurmaw il-bażi għat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Ġestjoni tal-portafoll, metodi ta' ħidma u riżultati

7. Il-produzzjoni ta' rapporti ta' kwalità għolja, robusti u f'waqthom hija kruċjali:

– **Kieku inti kif tiżgura li d-data użata f'awditu tkun affidabbli u li s-sejbiet ma jkunux obsoleti?**

Nistgħu ntejbu l-puntwalità tar-rapporti billi nallinjaw l-awditjar tal-prestazzjoni ma' mumenti ovvji fuq l-aġenda politika, bħal evalwazzjonijiet obbligatorji politiċi u leġiżlattivi.

Għall-awditjar tal-prestazzjoni, id-data li nużaw trid tiġi minn sorsi affidabbli u oġġettivi. Kull meta jkun hemm sfidi biex tinkiseb id-data, dan jiġi indirizzat fir-rakkomandazzjonijiet. Inkludejt rakkomandazzjoni bħal din fl-awditu dwar l-appoġġ għall-persuni b'diżabbiltà: "Rakkomandazzjoni 1 – Ksib ta' aktar data kumparabbli fl-UE kollha".

– **Kieku inti kif ittejjeb il-kwalità u l-pertinenza tar-rakkomandazzjonijiet?**

Fir-rigward tal-awditjar finanzjarju, it-timijiet tal-awditu tagħna jsibu wkoll sejbiet interessanti u rilevanti li mhumiex kwantifikabbli. Aħna ninkluduhom fir-rapporti għall-ġestjoni u għall-korpi nazzjonali tal-awditjar ikkonċernati. Nara opportunitajiet biex isir użu aħjar minn dawn is-sejbiet fir-rapport annwali tagħna.

Fir-rigward tal-awditjar tal-prestazzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet tagħna għandhom jindirizzaw x'qed jikkawża l-problema, ikunu kostruttivi, fondati sew, fattibbli u kosteffettivi, u ma joqogħdux lura milli jiddikjaraw x'jaħdem u x'ma

jaħdimx.

L-esperjenza tiegħi fil-QEA għallmitni li r-rakkomandazzjonijiet huma l-aktar effettivi meta jitħejjew u jiġu kondiviżi mal-akbar grupp ta' partijiet ikkonċernati possibbli.

8. L-għan tar-riforma tal-QEA huwa li tiġi stabbilita relazzjoni ta' obbligu ta' rendikont aktar b'saħħitha bejn it-tim tal-awditjar u l-membru rapporteur:

– Mill-esperjenza tiegħek, taħseb li r-rwol ta' membru huwa li jkun aktar involut fil-ħidma tal-awditjar?

Għalija, huwa estremament importanti li nkun involut fil-ħidma kemm għall-awditjar tal-prestazzjoni kif ukoll għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna. Flimkien mal-laqgħat regolari tiegħi mat-timijiet tal-awditu, ipparteċipajt f'partijiet mill-ħidma tal-awditjar, bħar-rieżami dokumentarju u l-ħidma tal-awditjar fuq il-post. Dan ipprovdili fehim saħansitra aħjar biex imbagħad nippreżenta r-riżultati inklużi fir-rapporti.

– Kieku inti, tibdel il-mod kif taħdem ma' tim tal-awditjar? Jekk iva, kif?

U żgur, irrid inkompli nkun involut mill-qrib fil-ħidma tat-tim.

9. Xi jkunu s-suġġerimenti tiegħek biex il-funzjonament, il-programmazzjoni u l-ħidma (iċ-ċiklu tal-awditjar) tal-QEA jkomplu jittejbu u jiġu mmodernizzati? Wara l-ewwel mandat tiegħek, tista' tagħtina aspett pożittiv tal-ħidma tal-QEA, u ieħor negattiv?

Suġġerimenti għal titjib
Inħoss li l-ħidma tal-awditjar hija ġeneralment ta' kwalità tajba. Il-QEA hija rispettata ħafna fl-isfera globali tal-awditjar pubbliku. Il-QEA se jkollha bżonn tiżgura li żżomm ir-reputazzjoni eċċellenti tagħha u tkompli timmodernizza. F'dan ir-rigward, ipparteċipajt fi proġett pilota li jittestja l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u nqis li l-impatt u l-opportunitajiet tal-IA huma sfida ewlenija għall-QEA.

Il-QEA tista' tittejjeb billi ssaħħaħ l-involviment tagħha mal-pubbliku ġenerali billi tuża l-media soċjali u l-istampa, u torganizza laqgħat immirati għall-partijiet ikkonċernati. Beħsiebni nkompli bl-isforzi tiegħi fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet. F'Ottubru, se ningħaqad fil-laqgħa mal-awtoritajiet tal-awditjar biex nippreżenta u niskambja fehmiet dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-awditu dwar ir-regolarità tal-infiq fil-qasam tal-koeżjoni.

Element pożittiv u negattiv tal-QEA
Bħala aspett pożittiv ċar tal-QUA, nixtieq insemmi l-persunal imħarreġ u impenjat tal-QEA.

Il-QEA tista' tkun rappreżentata aħjar esternament billi tinvolvi ruħha aktar mal-pubbliku ġenerali u mal-istampa.

10. Skont it-Trattat, il-Qorti hija meħtieġa li tassisti lill-Parlament fl-eżerċizzju tas-

setgħat ta' kontroll tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-baġit sabiex jittejbu kemm is-sorveljanza pubblika tal-infiq ġenerali kif ukoll il-valur tiegħu għall-flus:

– **Bl-esperjenza tal-ewwel mandat tiegħek, kif tista' tittejjeb aktar il-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Awdituri u l-Parlament Ewropew (il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit) dwar l-awditjar tal-baġit tal-UE?**

Għandi esperjenzi pożittivi ħafna b'diskussjonijiet individwali u fil-fond mal-membri parlamentari u mal-persunal tagħhom, u dan joffri l-possibbiltà għal aktar analiżi fil-fond wara s-seduti ta' smigħ fil-kumitati.

Għażliet oħra jinkludu skambji regolari bejn il-persunal tal-Kumitat CONT u dak tal-QEA u uffiċjali sekondati għal żmien qasir bejn l-istituzzjonijiet biex tingħalaq id-distanza fiżika bejn il-Lussemburgu u Brussell.

– **B'mod simili, kif jistgħu jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-QEA u l-istituzzjonijiet tal-awditjar nazzjonali?**

Kull sena, meta l-QEA tippreżenta r-rapport annwali tagħha lill-parlamenti Ewropej u nazzjonali, inżur The Hague biex nippreżenta l-ħidma tagħna. Il-Qorti tal-Awditjar tan-Netherlands tospita lili u lit-tim tiegħi għal ġurnata, li matulha nippreżenta s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna f'avveniment pubbliku u nwieġeb mistoqsijiet mill-President tagħha u mill-parteċipanti (eżempju tal-2023). U viċi versa, il-QEA tistieden lill-Qorti tal-Awditjar tan-Netherlands tippreżenta l-ħidma tagħha, pereżempju fl-avvenimenti regolari ta' "Diskors dwar il-Koeżjoni" li jsiru online, fejn jiġu diskussi xogħol u studji rilevanti mill-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar u l-akkademiċi tal-UE.

11. Kif se tappoġġja lill-Parlament biex jirnexxilu jqassar il-proċedura ta' kwittanza? X'azzjonijiet jistgħu jittieħdu min-naħa tiegħek?

Filwaqt li nistgħu nagħmlu l-biċċa l-kbira mix-xogħol matul is-sena kalendarja li dwarha nirrappurtaw, ammont sinifikanti ta' xogħol huwa soġġett għall-valutazzjonijiet u għad-dokumenti ta' obbligu ta' rendikont rilevanti tal-Kummissjoni li jkunu lesti biex nawditjaw. Għall-kuntrarju tas-settur privat, il-Kummissjoni tiddependi fuq informazzjoni minn partijiet terzi, jiġifieri korpi nazzjonali ta' ġestjoni u ta' awditu, biex tipprovdi informazzjoni li tikkostitwixxi parti materjali tal-kontijiet. L-iskadenzi għall-għoti tal-informazzjoni spiss ikunu eqreb lejn l-1 ta' Marzu mill-1 ta' Jannar, u għalhekk il-QEA tirċievi l-kontijiet proviżorji sal-31 ta' Marzu.
Bl-istess mod, l-awditu li wettaqna tal-aħħar pagamenti f'sena kalendarja partikolari jista' jitlesta biss is-sena ta' wara. L-awditi tagħna jitwettqu bid-diliġenza dovuta, li tippermetti biżżejjed żmien lill-amministrazzjonijiet nazzjonali u lill-benefiċjarji biex iħejju u jwieġbu.

Biex intejbu aktar iż-żmien tal-ħidma tagħna, il-partijiet kollha jeħtieġ li jkunu lesti li jqassru l-istadju tagħhom fil-proċedura biex il-QEA tkun tista' tirrapporta aktar kmieni. Se nappoġġja l-proposti kollha raġonevoli u li jistgħu jinkisbu biex ikompli jissaħħaħ l-appoġġ tal-QEA għall-proċedura ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew.

Indipendenza u integrità

12. X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività passata, attwali jew futura li se twettaq ma tixħetx dubju fuq it-twettiq ta' dmirijietek fil-QEA?

L-ewwel nett, nixtieq nirrepeti li jiena naqbel mal-impenn solenni li tajt quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-prestazzjoni tiegħi s'issa fil-ħidma tiegħi tal-QEA tkompli tappoġġja dan. Minbarra din il-garanzija personali u r-rekord, jiena nwettaq il-ħidma tal-QEA tiegħi f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tagħna u xorta se nkun marbut biha wara li nitlaq mill-QEA. F'każ ta' kwalunkwe dubju, se nikkonsulta lill-Kumitat tal-Etika tal-QEA biex infittex il-gwida u l-parir tiegħu.

13. Kieku inti kif tittratta irregolarità serja jew saħansitra każ ta' frodi u/jew korruzzjoni b'fondi tal-UE li jinvolvi persuni fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħek? Qatt sibt ruħek f'din is-sitwazzjoni fil-mandat attwali tiegħek?

Wara l-ħidma fuq id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-2024 li jien responsabbli għaliha, diversi każijiet suspettati ta' irregolarità u suspett ta' frodi qed jiġu rrapportati lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) rispettivament. S'issa, ma kien hemm l-ebda każ ta' irregolaritajiet kbar jew frodi fir-rigward tal-fondi tal-UE u/jew korruzzjoni li jinvolvu persuni fin-Netherlands fl-awditi li kont responsabbli għalihom. Madankollu, ma naġixxix b'mod differenti, irrispettivament mill-Istat Membru involut.

Bħala kwistjoni ta' prinċipju, żammejt distanza professjonali kull meta kienu involuti kampjuni minn Netherlands. Għax-xogħol tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-2024 li kont responsabbli għalih, staqsejt lill-kollegi mill-uffiċċju privat Belġjan biex jimmonitorjaw u, jekk ikun meħtieġ, jiddeċiedu dwar każijiet li jinvolvu n-Netherlands.

14. L-eżistenza ta' kunflitt ta' interess tista' tagħti lok għal riskju għar-reputazzjoni tal-QEA. Kif tiġġestixxi kwalunkwe kunflitt ta' interess?

Ma għandi l-ebda okkupazzjoni oħra barra dik bħala Membru tal-QEA u, fl-interazzjoni tiegħi mal-istampa u mal-pubbliku, niffoka kompletament fuq il-ħidma tiegħi fil-QEA, u b'hekk nevita kwalunkwe kunflitt ta' interess (potenzjali). Jekk jinqala' xi kunflitt ta' interess attwali jew apparenti, nieħu l-passi xierqa biex nelimina jew għall-anqas intaffi l-kunflitt. Iddeskrivejt il-passi speċifiċi f'dan ir-rigward fir-risposta tiegħi għad-domanda preċedenti.

15. Int involut f'xi proċedimenti ġudizzjarji? Jekk iva, ta' liema tip?

Le.

16. X'impenji speċifiċi lest li tieħu f'termini ta' trasparenza mtejba, aktar kooperazzjoni u segwitu effettiv għall-pożizzjonijiet tal-Parlament u t-talbiet għal awditi?

Matul iż-żmien tiegħi bħala Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, diġà kkooperajt mill-qrib mal-Parlament Ewropew biex inżid it-trasparenza. Kif semmejt, is-sorveljanza demokratika tan-nefqa pubblika hija essenzjali. L-awditi esterni indipendenti li l-QEA tipprovdi huma essenzjali fihom infushom biex jipprovdu bażi

soda għal din is-sorveljanza. Nimpenja ruħi li napplika s-suġġerimenti fl-ambitu tal-mistoqsijiet 10 u 11.

Id-disponibbiltà ta' data rilevanti u affidabbli għall-pubbliku u għall-Parlament Ewropew hija prerekwiżit għal trasparenza mtejba (mistoqsija 5). Rigward it-trasparenza u l-QEA, inħoss li d-disponibbiltà ta' data miftuħa hija importanti (mistoqsija 1).

Mistoqsijiet oħra

17. Tirtira l-kandidatura tiegħek għal tiġdid tal-mandat jekk l-opinjoni tal-Parlament dwar il-ħatra tiegħek għall-kariga ta' Membru tal-QEA ma tkunx favorevoli?

Min-naħa tiegħi, se nagħmel l-aħjar li nista' biex niżgura opinjoni favorevoli abbażi tat-tweġibiet mogħtija għal dan il-kwestjonarju u matul is-seduta. Jekk l-opinjoni tal-Parlament Ewropew tagħti lok għal dan, se nidħol f'konsultazzjonijiet mal-Gvern Netherlandiż dwar il-kandidatura tiegħi, peress li l-Gvern Netherlandiż ippropona l-estensjoni tal-mandat tiegħi.

18. Il-ħatra għall-kariga ta' Membru tal-QEA tirrikjedi attenzjoni u dedikazzjoni sħiħa lill-istituzzjoni nnifisha u li tiġi żgurata fiduċja fl-Unjoni fost iċ-ċittadini tagħha:

– **X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar l-aħjar mod kif tittieħed responsabbiltà għal dawn id-dmirijiet professjonali?**

Jiena nagħti l-attenzjoni sħiħa tiegħi lill-ħidmieti fil-QEA. M'għandi l-ebda okkupazzjoni oħra. Kif indikat hawn fuq, inżomm kuntatt mill-qrib mat-timijiet tal-awditu u nippromwovi l-ħidma tal-QEA fil-Lussemburgu, fi Brussell, fin-Netherlands u bnadi oħra.

– **X'inhuma l-arranġamenti personali attwali tiegħek f'termini ta' għadd ta' jiem ta' preżenza fil-Lussemburgu? Qed tippjana li tibdel dawn l-arranġamenti?**

Xtrajt appartament fil-Lussemburgu u nqatta' l-ġimgħa tax-xogħol kollha tiegħi fil-Lussemburgu. Beħsiebni nżomm dawn l-arranġamenti.